TRIBUNAL INDUSTRIJALI

INTERPRETAZZJONI TA' DECIZJONI NRU.151

Kaz Nru. 193

Wara d-decizjoni fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

it-Taqsima Tessuti tal-General Workers' Union ghan-nom ta' Miss Lydia Bugeja

u

Messrs Imperial Products Limited

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data: 15 ta' Dicembru 1983

Chairman: A. Debono C.P.A.A.

It-Tribunal fuq talba li saritlu mis-Sur Leslie Freedman, Managing Director ta' l-Imperial Products Limited, permezz ta' ittra li ggib id-data tad-9 ta' Novembru 1983, biex jaghti nterpretazzjoni taht id-disposizzjoni ta' Artikolu Nru. 35 ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976, il-kumpanija qalet illi d-decizjoni Nru. 151 li nghatat nhar l-4 ta' Novembru 1983, halliet lok ghal certi dubbji f'mohh is-Sur Freedman, li per konsegwenza talab lit-Tribunal biex jikklarifikalu din il-parti tad-Decizjoni ikkoncernata:

"Il-Kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Nazzjonali u l-Bonus jithallsu skond il-ligi"

peress li t-Tribunal kien ordna li ma tul iz-zmien li Miss Bugeja kienet ghamlet barra, hi tithallas bir-rata ta' nofs paga, filwaqt li s-Sezzjoni 22A ta' l-Att Nru. XI ta' l-1952 li Jirregola l-Kundizzjonijiet ta' l-Impiegi tordna li l-hlas tal-Bonus ghandu jithallas lill "whole-time employees".

Ghaldaqstant is-Sur L. Freedman irid ikun jaf jekk Miss Bugeja ghandiex tigi kkonsidrata bhala "whole-time employee" ghal finijiet tal-pagament tal-Bonus waqt li hi kienet qed tircievi nofs paga.

...../2

It-Tribunal permezz tad-Decizjoni Nru. 151 kien ordna li Miss Bugeja tithallas ghaz-zmien li ghamlet barra bir-rata ta' nofs paga - dan gie ordnat mhux ghaliex hi kienet giet kkonsidrata bhala "part-time employee", izda bhala penali minhabba n-nuqqasijiet taghha kif gie ppronunzjat fl-istess Decizjoni.

Ghaldaqstant ghall-finijiet tal-pagament tal-Bonus u finijiet ohra, Miss Lydia Bugeja ghandha titqies bhala "whole-time employee" ghal ma tul il-perjodu ta' bejn is-26 ta' Frar 1982 u d-9 ta' Novembru 1983.

B'hekk it-Tribunal ta l-interpretazzjoni tieghu skond il-ligi.

A. DEBONO
Chairman

A. BARTOLO PARNIS
Segretarju